Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni"

COM(2009) 217 finali – 2009/0063 (COD)

(2010/C 128/27)

Relatur: **Is-Sur OPRAN**

Nhar l-20 ta' Lulju 2009, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 80 (2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni

COM(2009) 217 finali – 2009/0063 (COD)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-12 ta' Ottubru 2009.

Matul l-457 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-4 u l-5 ta' Novembru 2009 (seduta tal-5 ta' Novembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'130 voti favur, 4 voti kontra u 2 astensjonijiet.

1. Rakkomandazzjonijiet u proposti

1.1. Il-Kumitat jirrakkomanda lill-Parlament u lill-Kunsill li ***jadottaw l-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni dwar l-ispejjeż tas-sigurtà tal-avjazzjoni sabiex il-metodologija u s-soluzzjonijiet moderni proposti jkunu jistgħu jiġu implimentati mill-Istati Membri kollha kemm jista' jkun malajr***.

1.2. Fl-istess ħin, il-KESE jipproponi li ***l-korrezzjonijiet u l-bidliet li ġejjin għandhom isiru*** biex ikun hemm ċarezza akbar u jkun aktar faċli li l-metodoloġija moderna u s-soluzzjonijiet proposti mill-Kummissjoni jiġu applikati.

1.2.1. B'referenza għall-Memorandum ta' Spjegazzjoni, paragrafu 3 "Elementi legali tal-proposta", sottoparagrafu "Nondiskriminazzjoni", il-Kumitat jipproponi li dan għandu jqis il-kontribut (inkluż fir-rigward tal-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp) tal-kostrutturi tal-ajruplani biex jgħollu l-livell ta' sigurtà tal-ajruplani, ħalli l-paragrafu jiġi jaqra hekk: "***L-ispejjeż tal-imposti għas-sigurtà tal-ajru għandhom ikunu ġusti u mhux diskriminatorji fir-rigward tal-kumpaniji, il-passiġġieri u l-industrija tal-awronawtika***".

1.2.2. B'referenza għal Artikolu 1 – "Suġġett" tal-abbozz tad-Direttiva, il-Kumitat jipproponi li s-sottoparagrafu 1 għandu jiġi modifikat kif ġej: "***Din id-Direttiva tistabbilixxi prinċipji komuni fil-livell tal-UE għall-kalkolu tal-imposta tas-sigurtà għall-ajruporti kollha tal-Komunità***".

1.2.3. B'referenza għall-Artikolu 4 – "Konsultazzjoni", il-Kumitat jipproponi li s-sottoparagrafu 2 għandu jaqra kif ġej: "*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kumitat tal-operaturi tal-avjazzjoni jitwaqqaf f'kull ajruport. Dan il-Kumitat għandu jipparteċipa fi proċedura obbligatorja u regolari għall-konsultazzjoni mal-entità tal-ġestjoni tal-ajruport fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. Dik il-konsultazzjoni għandha sseħħ kull meta jkun meħtieġ u tal-anqas darba fis-sena. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ċivili li jappoġġjaw l-interessi tal-passiġġieri tal-ajru għandhom ikunu mistiedna biex jipparteċipaw b'mod permanenti fil-ħidma tal-Kumitat bħala membri sħaħ jew osservaturi, skont il-każ partikolari*".

1.2.4. Meta wieħed iqis l-isforz finanzjarju impost fuq l-Istati Membri biex jappoġġjaw it-twaqqif tal-awtoritajiet il-ġodda, il-KESE jqis li ***l-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill għandhom fl-aħħar jiddeċiedu bejn dawn iż-żewġ għażliet li ġejjin***:

1.2.4.1. Li jaċċettaw l-istrutturi professjonali u mħarrġa tajjeb tas-segretarjati tal-NASC biex iwettqu r-rwol ta' "Unità ta' Ħidma Indipendenti", u b'hekk jiġi evitat l-appoġġ finanzjarju.

1.2.4.2. Li jżommu mad-deċiżjoni tal-bidu li jitwaqqfu strutturi ġodda indipendenti.

1.2.5. B'mod simili, il-Kumitat, li huwa konvint li l-attivitajiet marbuta mal-provvediment tas-sigurtà nazzjonali b'mod ġenerali u mal-ġlieda kontra t-theddida tat-terroriżmu b'mod partikolari huma responsabbiltajiet prinċipali tal-Istati Membri, iqis li **l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-gvernijiet biex tkopri l-ispejjeż tas-sigurtà tal-ajru għandha tiġi riveduta u tiżdied b'mod sustanzjali biex tikkontribwixxi lejn l-ispejjeż li bħalissa qed jitħallsu mill-ajruporti, l-operaturi tal-ajru u l-passiġġieri**.

2. Konklużjonijiet u rimarki

2.1. Il-metodoloġija l-ġdida proposta mill-Kummissjoni biex jiġu kkalkolati l-imposti għall-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili hija bbażata fuq l-għażla u d-definizzjoni ta' **għadd ta' prinċipji bażiċi** li magħhom iridu jikkonformaw l-operaturi tal-ajruporti kollha f'dan is-settur meta jkunu qed jistabbilixxu l-livell ta' imposti li jridu jitħallsu jew mill-kategoriji kollha jew inkella minn waħda jew iktar mill-utenti potenzjali (Stati, awtoritajiet tal-ajruporti, kumpaniji tal-avjazzjoni u passiġġieri).

— Sussidjarjetà

— Responsabbiltà tal-Istat

— L-imposta / tariffi

— Informazzjoni u komunikazzjoni

— Armonizzazzjoni

— Trasparenza

— It-twaqqif ta' Awtorità Nazzjonali Indipendenti ta' Superviżjoni f'kull Stat Membru

2.2. Wara valutazzjoni metikoluża tal-prinċipji bażiċi proposti mill-Kummissjoni, il-Kumitat jikkonsidra li l-implimentazzjoni prattika tagħhom tista' telimina d-distorsjonijiet proċedurali li hemm bħalissa u tiżgura implimentazzjoni b'suċċess tal-metodoloġija innovattiva.

2.3. Rigward il-ħtieġa li titwaqqaf Awtorità Nazzjonali Indipendenti ta' Superviżjoni f'kull Stat Membru, il-Kumitat jindika li:

2.3.1. F'kull pajjiż tal-UE diġà twaqqaf Kumitat għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Nazzjonali (NASC), bi struttura interministerjali.

2.3.2. Is-segretarjat tan-NASC – minkejja l-fatt li ma' jistax jitqies bħala korp verament indipendenti – jista' jaġixxi ta' unità ta' ħidma superviżorja bid-disponibbiltà tar-riżorsi kollha professjonali, umani u finanzjarji meħtieġa biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jiġu applikati sew u b'mod effiċjenti. Il-KESE jemmen li, fuq livell ġenerali, kwistjonijiet li jaffettwaw is-sigurtà tal-persuni fi Stat Membru m'għandhomx isiru kompletament indipendenti mill-awtoritajiet politiċi, u għandu jibqa' possibbli l-kontroll demokratiku parlamentari.

2.4. Il-Kumitat japprezza l-ħidma professjonali tal-Kummissjoni, speċjalment l-użu tal-mudellar bil-kompjuter, biex jivvaluta ***l-għażliet maġġuri differenti għall-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni*** bbażati fuq il-prinċipji internazzjonali viġenti.

2.4.1. ***L-UE ma jkollha l-ebda rwol f'dan il-proċess*** u l-konsegwenzi ta' din il-pożizzjoni.

2.4.2. ***Il-prattika ta' politiki awtoregolatorji aċċettati mill-ICAO u l-industrija*** tista' tipproteġi l-interessi tal-passiġġieri u tippromovi b'mod aktar effiċjenti s-servizzi tas-sigurtà għall-avjazzjoni permezz tal-konsultazzjoni diretta bejn it-trasportaturi tal-ajru u l-ajruporti.

2.4.3. ***Simili għall-għażla "2.4.2", iżda regolata minn direttiva Ewropea.***

2.4.4. L-Istati Membri ***jħallsu l-ispiża kollha tas-sigurtà fl-ajruporti***, b'hekk tiġi eliminata kull spiża għas-sigurtà li taqa' fuq partijiet terzi u kull diskriminazzjoni biex tingħażel b'mod tajjeb l-għażla ottimali ta' soluzzjoni fejn kulħadd hu rebbieħ, passiġġieri, awtoritajiet tal-ajruporti, kumpaniji tal-ajru u gvernijiet.

2.5. Il-Kumitat jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u jikkonkludi wkoll li **t-tielet għażla hija dik li taqdi l-aħjar l-interessi tal-konsumaturi u ttejjeb l-effiċjenza tas-servizzi tas-sigurtà tal-ajruporti pprovduti**, filwaqt li jindika li l-amministrazzjoni ta' din l-għażla fil-livell nazzjonali u ż-żieda fil-prezzijiet li tirriżulta tista' tkun negliġibbli jekk il-Kummissjoni taqbel li tuża' bħala unitajiet ta' ħidma ddedikati s-segretarjati tal-NASC li diġà ġew imwaqqfa skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-imposti tal-ajruporti ([1]).

2.6. Fl-istess ħin il-Kumitat iqis li l-għażla tal-Kummissjoni tilħaq il-mira mistennija biss jekk **il-gvernijiet jaċċettaw li jagħmlu żieda sostanzjali fil-kontribut tagħhom** għall-ispejjeż relatati.

2.7. B'riferiment għad-dispożizzjonijit tad-Direttivi dwar it-trasparenza, il-Kumitat jemmen li dawn għandhom jiddikjaraw b'mod ċar li dan l-aspett ma jirreferix biss għal problemi relatati mal-ispejjeż tas-sigurtà tal-ajru, iżda wkoll u bl-istess mod għall-mekkaniżmi ta' finanzjament eżistenti; l-operaturi tal-ajru u l-passiġġieri jista' jkollhom **idea preċisa ta' kif l-awtoritajiet tal-ajruporti jikkalkulaw l-imposti tas-sigurtà** biss **jekk dawn il-mekkaniżmi finanzjarji jsiru miftuħa u trasparenti**. Bl-istess mod, l-ispejjeż tal-persunal tas-sigurtà u l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin marbuta magħhom jridu jkunu disponibbli pubblikament.

2.8. B'referenza għall-Memorandum ta' Spjegazzjoni, paragrafi 3 "Elementi Legali tal-proposta", sottoparagrafi "Konsultazzjoni u rimedju" u "Trasparenza", il-Kumitat iqis li **r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-passiġġieri tal-ajru, bħala l-kontributuri ewlenin għall-baġit allokat lis-sigurtà tal-ajru, għandhom jieħdu sehem fid-djalogu rilevanti bejn l-awtoritajiet tal-ajruporti u l-kumpaniji tal-avjazzjoni**, imqar fir-rwol ta' osservatur. Għalhekk ikun possibbli li jiġi evitat id-dħul jew il-kontinwazzjoni mhux ġustifikata ta' proċeduri ta' sigurtà li jiswew il-flus u li jimbarazzaw lill-passiġġieri, mingħajr ma fil-fatt inaqqsu b'mod sinifikanti t-theddid terroristiku. Bħala regola, dawn il-miżuri jiġu proposti bħala żieda fuq il-proċeduri normali mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti u/jew dawk Iżraeljani. Huma jiġu applikati f'ċerti sitwazzjonijiet skont il-livell tar-riskju, madankollu xi awtoritajiet tas-sigurtà tal-UE, b'żelu eċċessiv u xi drabi bil-biża' li jkunu responsabbli għal valutazzjoni mhux korretta tal-livell tar-riskju, ifittxu li jagħmluhom prattika permanenti. Għal din ir-raġuni, normalment jirrifjutaw diversi proposti mis-soċjetà ċivili organizzata għal diskussjoni konġunta dwar dawn il-kwistjonijiet.

2.8.1. B'hekk fl-Ajruport Nazzjonali ta' Brussell, il-passiġġieri huma mitluba li jneħħu ż-żarbun qabel ma jgħaddu mill-apparat li jirrintraċċa l-metall, filwaqt li ż-żarbun ikun għaddej mill-iskanner; dan joħloq riskju ta' kontaminazzjoni meta l-passiġġieri jimxu ħafja miż-żona tal-kontroll tas-sigurtà fejn jista' jkun hemm miljuni ta' mikrobi, pereżempju wara li jkun għatas xi ħadd li jkun għadu ma ġiex djanjostikat li għandu l-influwenza tal-ħnieżer. Fl-istess waqt, l-amministrazzjoni tal-ajruport, permezz tal-fondi pubbliċi akkwistat għadd importanti ta' skanners u detectors tal-aħħar ġenerazzjoni biex tikkontrolla ż-żraben tal-passiġġieri filwaqt li jkunu għadhom f'saqajhom; dan it-tagħmir ġie installat fiż-żona tal-kontroll tas-sigurtà iżda mhux qed jintuża waqt il-proċeduri ta' kontrolli tas-sigurtà tal-passiġġieri.

([1]) ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11.

2.8.2. Każ ieħor dibattibbli huwa l-projbizzjoni li wieħed iġorr iktar mill-volum redikolu awtorizzat ta' likwidu abbord; il-limitu stabbilit huwa primarjament minħabba f'żelu eċċessiv u mhux ġustifikat fl-ammont redikolu ta' 100ml għal kull passiġġier.

2.9. Minkejja l-inkompatibbiltà kompleta bejn il-projbizzjoni fl-abbozz tad-Direttiva li jsir profitt operattiv mill-attivitajiet li jipprovdu servizzi ta' sigurtà għall-avjazzjoni u l-filosofija li tmexxi l-eżistenza u t-tħaddim tal-kumpaniji privati, li hi mmirata lejn it-tfittxija tal-għola profitti, filwaqt li jkun hemm sforz biex tiġi evitata kull misinterpretazzjoni oħra tal-Artikolu 7 tad-Direttiva proposta, il-Kumitat jipproponi b'ħeġġa li l-Kummissjoni taċċetta lill-kumpaniji privti bħala provvedituri tas-servizzi tas-sigurtà tal-ajru, ħlief għall-operazzjonijiet ta' skennjar u osservazzjoni (detection).

2.10. Il-KESE jemmen li l-applikazzjoni adatta tal-proposta tal-Kummissjoni, flimkien ma' **rwol aktar b'saħħtu għar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili**, jista' joffri benefiċċji kbar lin-nies fl-Ewropa u l-bqija tad-dinja, flimkien mal-industrija tal-avjazzjoni u l-operaturi tal-ajruporti.

3. Kummenti Ġenerali

3.1. *Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva – ir-riżultat ta' konsultazzjoni wiesgħa*

3.1.1. Fl-abbozzar tad-direttiva, id-DĠ TREN ikkonsulta għadd ta' Stati Membri u organizzazzjonijiet vokazzjonali li jirrappreżentaw l-industrija u l-konsumaturi, bl-użu ta' data li waslet minn ħdax-il Stat Membru, disa' organizzazzjonijiet professjonali ta' amministrazzjonijiet tal-ajruporti u tat-trasport tal-ajru u assoċjazzjoni waħda li tirrappreżenta l-passiġġieri tal-ajru.

3.1.2. L-ebda Stat Membru ma appoġġja l-proposta li l-ispejjeż tas-sigurtà għandhom jitħallsu kompletament mill-gvernijiet nazzjonali, u argumentaw li dawn huma parti integrali mill-ispiża tan-negozju fis-settur tal-avjazzjoni, li għandha titħallas mill-industrija tal-avjazzjoni, bl-istess mod kif l-industrija tal-karozzi tinvesti biex ittejjeb is-sigurtà tal-karozzi. Kull Stat Membru appella għal projbizzjoni totali li jsir profitt operattiv minn dawn l-attivitajiet, filwaqt li saħaq fuq il-ħtieġa li jkun garantit livell għoli ta' trasparenza f'dan il-qasam.

3.2. *Definizzjoni tal-problema*

3.2.1. Analiżi tal-ispiża tas-sigurtà tal-avjazzjoni

3.2.1.1. Hemm tliet komponenti ewlenin: spejjeż tas-sigurtà tal-ajruport, spejjeż tal-kumpaniji tal-avjazzjoni u l-ispejjeż li jħallsu l-Istati Membri. Il-kontrolli tas-sigurtà fuq il-passiġġieri u t-tagħbija (il-bagalji) huma l-parti l-kbira mill-ispiża.

3.2.1.2. Hemm żewġ partijiet fl-ispiża tal-kontrolli tas-sigurtà: il-pagi u l-ispiża tal-infrastruttura u t-tagħmir. Is-servizzi tas-sigurtà b'mod ġenerali huma pprovduti minn organizzazzjonijiet nazzjonali kompetenti jew jiġu delegati lill-amministrazzjoni tal-ajruport jew kumpanija privata speċjalizzata.

3.2.2. Kemm jiswew u min iħallas fl-aħħar?

Fl-2007, l-ispejjeż biex tiġi provduta s-sigurtà fl-ajru madwar l-UE laħqet stima ta' EUR 1,6 biljun, li bejn wieħed u ieħor hija 1 % tal-ispiża medja ta' biljett tal-ajru mħallas minn 'il fuq minn 636 miljun passiġġier li żbarkaw mill-ajruporti tal-Komunità. Il-parti l-kbira tal-ispejjeż li jħallsu l-Istati Membri u l-industrija huma koperti mill-miżati u spejjeż oħra li jħallsu l-passiġġieri tal-ajru. B'kollox, il-kumpaniji tal-avjazzjoni, il-passiġġieri u l-merkanzija bl-ajru jkopru 90 % tal-ispejjeż tas-servizzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni, filwaqt li l-gvernijiet tal-Istati Membri jkopru biss minn 6 % sa 7 % ta' dawn l-ispejjeż permezz ta' allokazzjonijiet baġitarji.

3.2.3. Prattiċi diskriminatorji fil-qasam tal-ispejjeż fis-servizzi għas-sigurtà tal-avjazzjoni

Il-passiġġieri tal-ajru jridu jgħaddu mill-istess kontrolli tas-sigurtà irrispettivament mid-destinazzjoni tagħhom madwar l-UE, fosthom it-titjiriet domestiċi. Għaldaqstant l-ispejjeż tas-sigurtà għandhom ikunu identiċi. Sfortunatament, biex inaqqsu l-ispejjeż, il-kumpaniji tal-avjazzjoni jitfgħu fuq il-passiġġieri l-ispejjeż tal-kontrolli tas-sigurtà li jmisshom iħallsu huma. B'mod ġenerali, il-kumpaniji nazzjonali jużaw is-saħħa tal-pożizzjoni tagħhom biex jinfluwenzaw is-sitwazzjoni fl-ajruporti nazzjonali tagħhom, u jxeqilbu l-istruttura tal-prezzijiet favur it-titjiriet domestiċi filwaqt li jgħollu l-prezz tal-biljetti għat-titjiriet li ġejjin minn barra.

Tabella 1: Spiża tas-sigurtà għal kull passiġġier għat-titjiriet esterni fi ħdan l-UE u t-titjiriet domestiċi

Pajjiż/Ajruport	Fl-UE	Domestika
Rumanija – L-Ajruport ta' Bukarest	EUR 7,50	EUR 3,81
Spanja – l-ajruporti kollha	EUR 1,39	EUR 1,18
Litwanja – Vilnjus	EUR 2,32 / TM tal-Piż Massimu meta l-ajruplan ikun ser jinqata'	EUR 1,16 massimu/ TM tal-Piż Massimu meta l-ajruplan ikun ser jinqata'
Ċipru – Larnaka	EUR 0,39	0

It-tabella 1 tagħti xi eżempji ta' prattiki li bihom ħafna kumpaniji tal-ajru nazzjonali japplikaw spejjeż differenti għas-servizzi tas-sigurtà għat-titjiriet internazzjonali u dawk domestiċi, prattika li tikkontradixxi kompletament id-dispożizzjonijiet f'Artikolu 5 tar-Regolament ta' Qafas 300/2008 dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ([2]).

3.3. *L-immudellar u s-simulazzjoni ta' varjetà ta' għażliet / l-għażla tal-aħjar soluzzjoni*

Fit-tħejjija tad-Direttiva, il-Kummissjoni użat simulazzjoni matematika biex tivvaluta erba' għażliet differenti bbażati fuq il-prinċipji internazzjonali eżistenti marbuta mal-ispejjeż tal-provvista tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

3.3.1. Għażla 1: ***L-UE ma jkollha l-ebda rwol f'dan il-proċess u l-konsegwenzi ta' din il-pożizzjoni***

L-imposti applikati jwasslu għal diskriminazzjoni kbira bejn il-kumpaniji tal-avjazzjoni u l-passiġġieri.

([2]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.

3.3.2. Għażla 2: ***Il-prattika ta' politiki awtoregolatorji aċċettati mill-ICAO u l-industrija*** tista' tipproteġi l-interessi tal-passiġġieri u tippromovi b'mod aktar effiċjenti s-servizzi tas-sigurtà għall-avjazzjoni permezz tal-konsultazzjoni diretta bejn it-trasportaturi u l-ajruporti.

Qafas simili ilu jeżisti mill-1981 fil-forma tar-regoli tal-ICAO iżda l-awtoregolamentazzjoni għadha ma wasslet għall-ebda riżultat sinifikanti.

3.3.3. Għażla 3: ***Simili għall-għażla 2, iżda regolata minn direttiva Ewropea***

Barra minn hekk, il-kumpaniji tal-avjazzjoni jistgħu jieħdu azzjoni legali kontra l-ajruporti jekk l-imposti tas-sigurtà jkunu diskriminatorji jew ikunu qed jintużaw għal skopijiet oħra barra milli jkopri l-ispiża tas-sigurtà. Din is-soluzzjoni hija appoġġjata minn għadd ta' politiki tal-UE li huma marbuta flimkien u hija konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam.

3.3.4. Għażla 4: L-Istati Membri **jħallsu l-ispiża kollha tas-sigurtà fl-ajruporti**, b'hekk tiġi eliminata kull spiża għas-sigurtà li taqa' fuq partijiet terzi u kull diskriminazzjoni.

Din is-soluzzjoni tiskoraġġixxi titjib fil-kwalità tas-servizzi tas-sigurtà, peress li l-operaturi fis-settur ma jkollhom l-ebda inċentiv biex ibaxxu l-ispejjeż tagħhom. Barra minn hekk, din l-għażla ġiet rifjutata b'mod qawwi mill-Istati Membri kollha.

3.4. *Il-valutazzjoni tal-Kumitat dwar l-għażla tal-prinċipji li l-Kummissjoni użat biex tiddefinixxi l-metodoloġija l-ġdida*

3.4.1. Is-Sussidjarjetà

3.4.1.1. Dan japplika meta l-proposta tkun 'il barra mill-kompetenza esklussiva tal-Komunità u meta l-għanijiet tagħha ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Stat Membri li jaġixxu individwalment għax is-sistemi biex jiġu ffissati l-imposti tas-sigurtà u tal-ajruporti mhumiex ikkontrollati b'mod uniformi madwar l-UE.

3.4.1.2. Is-sistemi tal-imposti għadhom ivarja bejn l-Istati Membri, u dan ifixkel il-ħolqien ta' kundizzjonijiet verament ugwali għall-ajruporti u għat-trasportaturi tal-ajru.

3.4.1.3. L-applikazzjoni madwar l-UE kollha ta' sett komuni ta' regoli bażiċi rigward l-imposti tas-sigurtà għandu jiżgura andament ġust bejn is-sħab fis-settur tal-avjazzjoni fid-definizzjoni tal-parametri li jallokaw l-ispejjeż tas-sigurtà tal-ajruporti.

3.4.1.4. Hemm għadd ta' sistemi differenti ta' imposti fl-UE minħabba fin-nuqqas ta' prinċipji gwida li jiġu applikati b'mod uniformi fil-kalkolu tal-imposti tas-sigurtà. Id-Direttiva telimina l-ambigwitajiet f'dan il-qasam billi tiddefinixxi u tipproponi metodu uniku għall-kalkolu ta' dawn l-imposti, biex b'hekk tkun possibbli l-applikazzjoni uniformi.

3.4.1.5. Il-proposta tillimita ruħha għall-istabbiliment ta' sett minimu ta' regoli li għandhom jitħarsu meta l-Istati Membri u/jew l-operaturi tal-ajruporti jiffissaw il-livelli tal-imposti tas-sigurtà. Id-Direttiva ma timponix sistema partikolari ta' imposti; L-għażla tas-sistema titħalla f'idejn l-Istati Membri.

Konklużjoni: l-għażla u l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa korrett u meħtieġ għall-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida.

3.4.2. Responsabbiltà tal-Istat

3.4.2.1. Bħal fil-każ tas-sussidjarjetà, din tapplika meta l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità; fil-prospettiva tat-tfassil tad-Direttiva jinħolqu problemi simili għaż-żewġ prinċipji adottati.

3.4.2.2. Il-proposta tillimita ruħha għall-istabbiliment ta' sett minimu ta' regoli li għandhom jitħarsu meta l-Istati Membri u/jew l-operaturi tal-ajruporti jiffissaw il-livelli tal-imposti tas-sigurtà. Id-Direttiva ma timponix sistema partikolari ta' imposti; l-għażla tas-sistema titħalla f'idejn l-Istati Membri.

Konklużjoni: l-għażla u l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat huma korretti u meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva, filwaq li jikkunsidraw b'mod xierqa il-potenzjal ta' kundizzjonijiet mhux simmetriċi u kunflittwali kif ukoll id-disparità bejn l-Istati Membri fil-livelli tal-allert għat-terroriżmu li jridu jiġu pprovduti, u n-nazzjonalità tat-trasportatur. Il-kontribut finanzjarju tal-Gvernijiet biex jipprovvdu sigurtà fl-ajru trid tiġi vvalutata mill-ġdid u tiżdied b'mod sustanzjali, peress li l-Istat huwa l-korp eżekuttiv li għandu l-akbar responsabbiltà fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

3.4.3. L-imposta

3.4.3.1. Il-ġbir tal-imposti għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u tal-groundhandling diġà ġie kopert fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru ([3]) u mid-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità ([4]).

3.4.3.2. L-ispejjeż legali marbuta mas-sigurtà ma jistgħux jiġu stabbiliti bi skema komuni ta' imposti minħabba fid-differenzi kbar fil-livelli ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-iżvilupp, it-twaqqif u t-tħaddim ta' sistemi ta' sigurtà tal-ajru fl-ajruporti nazzjonali.

Konklużjoni: l-għażla u l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-imposta huma korretti u meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva; madankollu, huwa impossibbli li titfassal skema komuni tal-imposti minħabba fil-firxa wiesgħa ta' kundizzjonijiet madwar l-UE.

([3]) ĠU L 341, 7.12.2006, p. 3.

([4]) ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36.

3.4.4. Informazzjoni u komunikazzjoni

3.4.4.1. B'mod ġenerali, l-utenti tal-ajruporti fl-Ewropa u f'kontinenti oħra huma organizzati f'kumitati ta' operaturi tal-ajruport li għandhom djalogu permanenti mal-amministrazzjoni tal-ajruport.

3.4.4.2. Dan il-qafas jippermetti li jkun hemm skambju ta' informazzjoni dwar il-proċedura u l-bażi għall-kalkolu tal-imposti tas-sigurtà, b'mod speċifiku l-previżjonijiet operattivi tal-utenti, il-pjanijiet tal-iżvilupp, talbiet speċifiċi u proposti.

Konklużjoni: il-prinċipju tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni diretta bejn l-operaturi tas-sigurtà u l-awtoritajiet tal-ajruport ġie magħżul b'mod korrett u huwa adatt għall-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida. jsir aktar importanti kieku jiddaħħlu l-attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi.

3.4.5. Armonizzazzjoni

3.4.5.1. Il-bażi tar-rata għall-ispejjeż tas-sigurtà tkun tista' tiġi armonizzata fl-ajruporti tal-Komunità, jekk dawn l-ispejjeż jiġu koperti kompletament mill-imposti tas-sigurtà.

3.4.5.2. Id-dħul miġbur mill-applikazzjoni ta' dawn l-imposti ma tridx taqbeż l-ispejjeż totali għall-provvista tas-sigurtà, inkluż il-fondi pubbliċi kollha; fi ftit kliem, mhu permess l-ebda profitt operazzjonali minn dit-tip ta' attività.

3.4.5.3. Għal din ir-raġuni, l-imposti tas-sigurtà b'mod ġenerali ma jistgħux jiġu armonizzati għal kollox.

Konklużjoni: l-għażla u l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-armonizzazzjoni tal-bażi tar-rata huma korretti u meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva, għalkemm il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-impossibbiltà li l-imposti kollha jkunu armonizzati u għall-projbizzjoni li jkun hemm profitti operattivi.

3.4.6. Trasparenza

3.4.6.1. Trid tiġi garantita t-trasparenza meta l-preżenza ta' miżuri nazzjonali tas-sigurtà li jkunu aktar stretti mill-istandards speċifiċi tal-Komunità stabbiliti skont ir-Regolament (KE) 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 jkollha impatt ekonomiku.

3.4.6.2. Għandu jiġi notat li xi wħud minn dawn il-miżuri jistgħu jiġu imposti biss, b'mod permanenti jew temporanju, fuq talba espliċita ta' wieħed jew aktar operaturi tal-ajru.

Konklużjoni: l-għażla u l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trasparenza huma korretti u meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva, meta miżuri ta' sigurtà nazzjonali jkunu aktar restrittivi mill-miżuri tal-Komunità jew fuq talba espliċita tal-operaturi tal-ajru. Dawn iridu jiġu kumplimentati b'informazzjoni dettaljata dwar is-sorsi tal-fondi u l-korpi responsabbli għall-ġbir tal-fondi allokati, jekk dan ma jsirx mill-awtoritajiet tal-ajruport.

3.4.7. Il-ħtieġa li titwaqqaf Awtorità Nazzjonali Indipendenti ta' Superviżjoni f'kull Stat Membru

3.4.8. F'kull Stat Membru diġà twaqqaf kumitat għas-sigurtà tal-avjazzjoni nazzjonali, bi struttura interministerjali.

3.4.9. Bħala struttura governattiva, is-segretarjati tal-NASC ma' jistgħux jaġixxu għal kollox bħala korp superviżorju verament indipendenti, iżda nqisu li – fuq il-bażi tal-professjonalità u r-reputazzjoni internazzjonali tal-ispeċjalisti tagħhom u r-riżorsi finanzjarji li jiddisponu minnhom – jistgħu jissorveljaw b'mod newtrali li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jiġu applikati sew u b'mod effiċjenti.

Konklużjoni: l-għażla u l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-awtorità ta' superviżjoni huma korretti u meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva l-ġdida. Minkejja li huma integrati fl-istrutturi governattivi, il-Kumitat iqis li s-segretarjati tan-NASC jistgħu jaqdu dan ir-rwol b'mod newtrali u professjonali, filwaqt li jnaqqsu kemm jista' jkun l-impenn finanzjarju tal-Istati Membri biex iwaqqfu strutturi ġodda u biex jgħinuhom isiru operattivi.

Brussell, 5 ta' Novembru 2009.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI